

**Talba għat-tneħħija ta' l-immunità ta' Bogdan Golik**

**Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew dwar it-talba għat-tneħħija ta' l-immunità ta' Bogdan Golik (2006/2218(IMM))**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra t-talba għat-tneħħija ta' l-immunità ta' Bogdan Golik, imressqa mill-Ministeru għall-Affarijiet Barranin Belġjan fuq talba ta' l-Uffiċċju tal-Prosekutur fil-Qorti ta' l-Appell ta' Brussell fis-7 ta' Lulju 2006, u mħabbra waqt is-seduta plenarja ta' l-4 ta' Settembru 2006,
  - wara li sema' lil Bogdan Golik, b'konformità ma' l-Artikolu 7(3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, li talab li titneħħa l-immunità tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 10 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej, tat-8 t'April 1965, u l-Artikolu 6(2) ta' l-Att dwar l-elezzjoni tal-membri tal-Parlament Ewropew b'votazzjoni universali diretta, ta' l-20 ta' Settembru 1976,
  - wara li kkunsidra s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej tat-12 ta' Mejju 1964 u ta' l-10 ta' Lulju 1986<sup>1</sup>
  - wara li kkunsidra l-Artikoli 6(2) u 7 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A6-0317/2006),
- A. billi Bogdan Golik ġie elett fil-Parlament Ewropew fis-sitt elezzjoni li saret mill-10 sat-13 ta' Ġunju 2004, u billi l-kredenzjali tiegħu ġew ivverifikati mill-Parlament fl-14 ta' Diċembru 2004
- B. billi Bogdan Golik igawdi, fit-territorju ta' Stati Membri barra dak tiegħu stess, immunità minn kull miżura ta' detenzjoni u minn proċeduri legali skond l-Artikolu 10 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej tat-8 ta' April 1965,
- C. billi Bogdan Golik kien igawdi minn dik l-immunità fiż-żmien in kwistjoni peress li l-Parlament kien waqt is-sessjoni, skond il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ċċitata hawn fuq,
1. Jiddeċiedi li jneħħi l-immunità ta' Bogdan Golik, bil-kundizzjoni li, sakemm tingħata sentenza finali, jekk tingħata waħda, Bogdan Golik għandu jkun immuni minn kull tip ta' detenzjoni jew limitazzjoni tal-libertà jew kwalunkwe miżura oħra li żżommu milli jwettaq id-dmirjiet marbuta mal-mandat tiegħu;
  2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din id-deċiżjoni, u r-rapport tal-kumitat responsabbli, immedjatament lill-awtorità xierqa tar-Renju tal-Belġju.

---

<sup>1</sup> Il-Każ 101/63 Wagner v Fohrmann u Krier [1964] ECR 195 u l-Każ 149/85 Wybot v Faure u oħrajn [1986] ECR 2391